IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2024
COM(2024) 319 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar in-nefqa tal-FAEG
Sistema' ta' Twissija Bikrija 1-6/2024

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2024

Fit-22 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-2024. Il-baġit għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) jammonta għal EUR 40 517 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u għal EUR 40 505 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Ir-raġuni għall-ammonti differenti għaż-żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet hija l-użu ta' approprjazzjonijiet differenzjati għal ċerti miżuri implimentati direttament mill-Kummissjoni. Dawn huma prinċipalment relatati mal-miżuri ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli u mal-miżuri ta' strateġija tal-politika, ta' koordinazzjoni u ta' awditjar.

2. DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/2116, id-dħul li joriġina mill-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tad-deċiżjonijiet dwar il-kontabbiltà u l-prestazzjoni kif ukoll mill-irregolaritajiet, jikkostitwixxi dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG.

Skont l-Artikolu 45(2), id-dħul assenjat jista' jerġa' jintuża biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' kwalunkwe nefqa tal-FAEG. Id-dħul assenjat miġbur u li jibqa' ma jintużax matul is-sena baġitarja jiġi riportat awtomatikament għas-sena baġitarja ta' wara[1].

Il-baġit tal-FAEG tal-2024 jinkludi:

- l-istimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-miżuri tas-suq, il-pagamenti diretti u nefqa oħra taħt ġestjoni diretta u indiretta
- l-istimi tad-dħul assenjat li jrid jinġabar tul is-sena baġitarja.

Fil-proposta tagħha għall-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG tal-2024, il-Kummissjoni qieset id-dħul assenjat totali mistenni. Għall-baġit tal-2024, il-Kummissjoni talbet livell ta' approprjazzjonijiet ikkalkulat billi jitnaqqas id-dħul assenjat stmat mill-ħtiġijiet stmati. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit tal-FAEG tal-2024 filwaqt li qieset id-dħul assenjat mistenni.

Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2024, l-istima tal-Kummissjoni tad-dħul assenjat disponibbli kienet tammonta għal EUR 739,8, li minnhom, EUR 339,8 miljun kienu ġew riportati mill-Baġit tal-2023. Il-Kummissjoni qieset li dan l-ammont riportat u d-dħul stmat li jrid jinġabar fl-2024 meta talbet l-approprjazzjonijiet għall-appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (il-partita 08 02 04 01). Is-somma tal-

[1] L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni jiddetermina li l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat intern jistgħu jiġu riportati biss għas-sena finanzjarja ta' wara. Għalhekk, fl-interessi ta' ġestjoni baġitarja tajba, dan id-dħul assenjat ġeneralment jintuża l-ewwel, qabel l-approprjazzjoni vvotata tal-artikolu baġitarju kkonċernat.

approprjazzjonijiet ivvutati għal din l-iskema u d-dħul assenjat stmat hija ta' EUR 19 022-il miljun.

Id-dħul assenjat eventwalment riportat mill-2023 kien marġinalment ogħla, u jammonta għal EUR 340,3 miljun.

3. TABELLA TAL-KONSUM PROVIŻORJU FIL-31/03/2024

Dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit tal-2024 għall-FAEG fil-31 ta' Marzu 2024 u d-dettalji jinsabu fit-tabella hawn taħt.

Qed isir tqabbil bejn il-livell ta' implimentazzjoni u l-profil tan-nefqa tas-sistema ta' twissija bikrija li ġiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

Budget 2024 [1]
PROVISIONAL CONSUMPTION OF THE EAGF APPROPRIATIONS

Situation on 31/03/2024
in Eur million

		Appropriations Budget [2]	Consumption from November to March	Utilisation	Consumption profile as at March		Gap between implementation and profile	
		EUR mio	EUR mio	%	%	EUR mio	%	EUR mio
		A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
	Expenditure	***40.517,3***	***31.028,3***	***76,6%***	***77,1%***	***31.234,9***	***-0,5%***	***-206,6***
08 01	***Support administrative expenditure of the "Agriculture and Maritime Policy" Cluster***	***4,9***	***1,1***	***22,6%***	***88,1%***	***4,3***	***-65,5%***	***-3,2***
08 01 01	**Support expenditure for the "European Agricultural Guarantee Fund"**	**4,9**	**1,1**	**22,6%**	**88,1%**	**4,3**	**-65,5%**	**-3,2**
08 02	***European Agricultural Guarantee Fund (EAGF)***	***40.512,4***	***31.027,2***	***76,6%***	***77,1%***	***31.230,6***	***-0,5%***	***-203,4***
08 02 01	**Agricultural reserve (* p.2)**	**516,5**	**375,3**	**72,7%**				
08 02 02	**Types of interventions in certain sectors under the CAP Strategic Plans**	**1.294,2**	**146,1**	**11,3%**	**22,2%**	**287,0**	**-10,9%**	**-141,0**
08 02 02 01	Fruit and vegetables sector	335,0	60,1	17,9%	21,4%	71,5	-3,4%	-11,5
08 02 02 02	Apiculture products sector	60,0	3,0	5,0%	13,4%	8,1	-8,4%	-5,1
08 02 02 03	Wine sector	835,0	77,7	9,3%	23,1%	193,1	-13,8%	-115,4
08 02 02 04	Hops sector	2,2	2,2	100,0%	100,0%	2,2	0,0%	0,0
08 02 02 05	Olive oil and table olives sector	45,0	1,1	2,4%	12,0%	5,4	-9,5%	-4,3
08 02 02 06	Other sectors	17,0	2,0	11,8%	39,6%	6,7	-27,9%	-4,7
08 02 03	**Market-related expenditure outside the CAP Strategic Plans**	**1.481,6**	**618,0**	**41,7%**	**37,5%**	**555,3**	**4,2%**	**62,7**
08 02 03 01	POSEI and Smaller Aegean Islands (excluding direct payments)	226,0	132,8	58,8%	59,8%	135,2	-1,1%	-2,4
08 02 03 02	Promotion of agricultural products — Simple programmes under shared management	80,7	27,4	33,9%	27,3%	22,0	6,7%	5,4
08 02 03 03	Promotion of agricultural products — Multi-programmes and actions implemented by the Commission under direct management	96,9	0,8	0,8%	0,0%	0,0	0,8%	0,8
08 02 03 04	School schemes	180,0	89,7	49,8%	44,2%	79,6	5,6%	10,1
08 02 03 05	Olive oil	p.m.	-0,1					
08 02 03 06	Fruit and vegetables	715,0	133,1	18,6%	21,4%	152,7	-2,7%	-19,6
08 02 03 07	Wine	183,0	234,2	128,0%	90,6%	165,8	37,4%	68,4
08 02 03 08	Apiculture	p.m.	0,0					
08 02 03 09	Hops	p.m.	0,0					
08 02 03 10	Public and private storage measures	p.m.	0,0					
08 02 04	**Direct payments types of interventions under the CAP Strategic Plans**	**36.296,2**	**29.541,9**	**81,4%**	**82,7%**	**30.004,9**	**-1,3%**	**-463,0**
08 02 04 01	Basic income support for sustainability (** p.2)	18.282,2	17.313,9	94,7%	96,5%	17.645,8	-1,8%	-331,9
08 02 04 02	Complementary redistributive income support for sustainability	3.917,0	3.708,7	94,7%	95,1%	3.726,2	-0,4%	-17,5
08 02 04 03	Complementary income support for young farmers	670,0	547,2	81,7%	81,1%	543,7	0,5%	3,5
08 02 04 04	Schemes for the climate and the environment	8.698,0	5.008,7	57,6%	53,0%	4.607,7	4,6%	401,0
08 02 04 05	Coupled income support	4.485,0	2.928,8	65,3%	76,5%	3.432,8	-11,2%	-503,9
08 02 04 06	Crop-specific payment for cotton	244,0	34,7	14,2%	20,0%	48,8	-5,8%	-14,2
08 02 05	**Direct payments outside the CAP Strategic Plans**	**444,0**	**327,1**	**73,7%**	**68,1%**	**302,3**	**5,6%**	**24,7**
08 02 05 01	POSEI and Smaller Aegean Islands (direct payments)	444,0	286,3	64,5%	68,1%	302,3	-3,6%	-16,0
08 02 05 02	Single area payment scheme (SAPS)	p.m.	2,9					
08 02 05 03	Redistributive payment	p.m.	0,4					
08 02 05 04	Basic payment scheme (BPS)	p.m.	17,6					
08 02 05 05	Payment for agricultural practices beneficial for the climate and the environment	p.m.	13,5					
08 02 05 06	Payment for farmers in areas with natural constraints	p.m.	0,0					
08 02 05 07	Payment for young farmers	p.m.	0,5					
08 02 05 08	Crop-specific payment for cotton	p.m.	0,4					
08 02 05 09	Voluntary coupled support scheme	p.m.	5,0					
08 02 05 10	Small farmers scheme	p.m.	0,4					
08 02 06	**Policy strategy, coordination and audit**	**379,4**	**18,7**	**4,9%**	**13,0%**	**49,2**	**-8,1%**	**-30,6**
08 02 06 01	Financial corrections in favour of Member States following clearance of accounts and conformity clearance decisions	250,9	0,0	0,0%	0,0%	0,0	0,0%	0,0
08 02 06 02	Settlement of disputes	p.m.	0,0					
08 02 06 03	EAGF — Operational technical assistance	128,5	18,7	14,5%	38,3%	49,2	-23,8%	-30,6
08 02 99	**Completion of previous programmes and activities**	**100,5**	**0,2**	**0,2%**	**31,6%**	**31,8**	**-31,4%**	**-31,6**

[1] Financial year = 16/10/2023 to 15/10/2024 but expenditure under Commission direct management possible until 31/12/2024.
[2] It concerns the commitment appropriations.

Budget 2024 [1]
PROVISIONAL CONSUMPTION OF THE EAGF APPROPRIATIONS

Situation on 31/03/2024
in Eur million

		Appropriations Budget [2]	Consumption from November to March	Utilisation	Consumption profile as at March		Gap between implementation and profile	
		EUR mio	EUR mio	%	%	EUR mio	%	EUR mio
		A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
	(*) Agricultural reserve including the 315,5 million euro carried over from financial year 2023:							
08 02 01	Agricultural reserve - including carry-over from previous financial year	832,0	375,3	45,1%				
	(**) For information only: expenditure against original appropriations and assigned revenue							
08 02 04 01	Basic income support for sustainability - including assigned revenue	19.022,0	17.313,9	91,0%	96,5%	18.359,9	-5,5%	-1.045,9
	Assigned Revenue	***739,8***	***606,2***	***81,9%***				
6 2 0 0	European Agricultural Guarantee Fund — assigned revenue estimated to collect in the financial year	400,0	265,9	66,5%				
	Assigned revenue carried over from previous financial year	339,8	340,3	100,0%				

[1] Financial year = 16/10/2023 to 15/10/2024 but expenditure under Commission direct management possible until 31/12/2024.
[2] It concerns the commitment appropriations.

4. KUMMENTI DWAR IR-RIŻERVA GĦALL-AGRIKOLTURA TAL-2024

Il-Baġit tal-2024 kien jinkludi ammont ta' EUR 832 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura, inkluż riport ta' EUR 315,5 miljun mill-Baġit tal-2023.

Ġew adottati żewġ miżuri, li jammontaw għal EUR 98,3 miljun[2]. Dan se jkun iffinanzjat b'mod esklużiv mir-riżerva għall-agrikoltura tal-2024, jiġifieri mill-Baġit tal-2024.

Fir-rigward tan-nefqa, sa issa l-Istati Membri ddikjaraw total ta' EUR 375,3 miljun. L-ammont imħallas huwa relatat mal-aħħar żewġ miżuri eċċezzjonali (il-pakketti tnejn u tlieta) adottati fil-qafas tal-Baġit 2023, iżda parzjalment iffinanzjati fil-qafas tal-Baġit tal-2024.

5. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2024

Għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' interventi f'ċerti setturi, l-implimentazzjoni tan-nefqa prevista fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK bdiet fis-sena finanzjarja 2023. L-ewwel pagamenti għat-tipi ta' interventi tal-pagamenti diretti fil-qafas tal-pjanijiet saru fis-sena

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2820 tal-15 ta' Diċembru 2023 li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-setturi agrikoli milquta minn diżastri naturali fil-Greċja u fis-Slovenja *(ĠU L, 2023/2820, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2820/oj)* ; Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/453 tal-5 ta' Frar 2024 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tal-pollam fl-Italja *(ĠU L, 2024/453, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/453/oj*).

finanzjarja 2024. Dan ifisser li prattikament ma kien hemm l-ebda *data* storika disponibbli biex jitfassal il-profil tan-nefqa ta' dawn l-interventi għas-sena baġitarja 2024. Għalhekk, il-profil ta' kull xahar għal din in-nefqa huwa bbażat fuq profili tal-passat osservati għal nefqa simili fuq is-setturi tas-suq u l-pagamenti diretti barra mill-pjanijiet strateġiċi, u jqis ukoll in-nefqa reali għall-interventi tal-"pjan" li saru fl-ewwel xahrejn tas-sena finanzjarja 2024.

F'termini relattivi, l-eżekuzzjoni proviżorja tal-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG tal-2024, għall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2024, hija qrib ħafna tal-profil tan-nefqa kkalkulat (-0,5 punti perċentwali).

In-nefqa għal kważi t-tipi settorjali kollha ta' interventi fil-qafas tal-pjanijiet (08 02 02) turi devjazzjoni 'l isfel mill-profil, iżda sa ċertu punt inqas mis-sena finanzjarja preċedenti.

Diġà huwa disponibbli dħul assenjat (6 2 0 0) ta' EUR 606,2 miljun, u huwa mistenni li jinġabru ammonti addizzjonali matul is-sena finanzjarja.

Bħalissa, il-Kummissjoni tistenna li l-approprjazzjonijiet ivvotati flimkien mal-ammont tad-dħul assenjat li se jkun disponibbli sa tmiem is-sena baġitarja se jkunu biżżejjed biex ikopru n-nefqa kollha.